MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 905/2007

**Mario Grima - ID 698555(M)**
**vs**

**Dottor Ruben Micallef - ID 134274(M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur fis-27 ta' Awissu, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

A. Dikjarazzjoni tal-fatti

1. Illi bi skrittura privata ossia konvenju, ffirmat bejn l-kontendenti fit-28 ta' Gunju 2007, l-konvenut obbliga ruhu illi jbiegh u jitrasferixxi lill-attur, li min naha tieghu obbliga ruhu li jixtri w jakkwista l-fond ossia garage uzatt bhala ufficcju bin-nurmu tlieta (3) formanti parti minn korp bini bl-isem 'Micallef / Sultana Court', Block B, Triq l-Bellavista - San Gwann, tale quale u fl-istat li jinsab, liberu u frank u

bid-drittijiet u pertinenzi tieghu kollha, u kif ahjar dekritt fl-imsemmi konvenju, versu l-prezz ta' tnax l-elf lira maltin (LM12000), u liema prezz gia thallas kollu mill-attur lill-konvenut, u liema konvenju huwa soggett ghall-kundizzjonijiet illi jirrizultaw mill-istess konvenju hawn unit u mmarkat dok A;
2. Illi dan l-imsemmi konvenju kien debitament registrat skond l-Ligi mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni bin-numru PS200705765 u fuqu thallset ukoll it-taxxa relattiva, vide doks B u C;
3. Illi jirrizulta ukoll mill-imsemmi konvenju illi l-prezz thallas kollu u ghalhekk is-somma ta' tnax il-elf lira maltin thallset bhala l-prezz tal-fond ghas-saldu u mhux bhala kappara;
4. Illi l-konvenju bejn il-kontendenti fuq imsemmija kellu validita massima ta’ xahar, b’mod illi l-imsemmi konvenju skadielu it-terminu fit-28 ta’ Lulju 2007;

B. Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-proceduri :

5. Illi ghalhekk l-attur intavola ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 1357(2) tal-Kapitolu Sittax tal-Ligijiet ta' Malta, fejn inforza taghha nterpella lill-konvenut sabiex sa mhux aktar tard mis-27 ta' Lulju 2007 jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali tat-trasferiment taht il-ministeru tan-Nutar Nicholas Briffa, (vide dok D);
6. Illi l-konvenut debitament notifikat b' dina l-ittra ufficjali nhar l-24 ta' Lulju 2007 baqa nadempjenti;
7. Illi ghadhom ma ghaddewx it-tletin jum kontemplati fl-artikolu 1357 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta dekorribbli mid-data tal-iskadenza tal-konvenju, u ghalhekk l-attur ghandu d-dritt li jesigi l-esekuzzjoni tad-drittijiet tieghu abazi tal-wieghda tal-bejgh da parti tal-konvenut skond l-imsemmi konvenju datat 28 ta' Gunju 2007;

C. Talbiet Attrici

Talab ghaldaqstant, in vista ta’ dak kollu premess, li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Previa okkorrendo dikjarazzjoni li l-konvenut ghandu l-obbligu skond l-ligi li jbiegh u jitrasferixxi lill-attur, l-fond

ossia garage uzatt bhala ufficcju bin-nurmu tlieta (3) formanti parti minn korp bini bl-isem 'Micallef / Sultana Court', Block B, Triq l-Bellavista - San Gwann, kif soggett ghall-kundizzjonijiet kollha li jirrizultaw mill-konvenju datat 28 ta' Gunju 2007 hawn unit u mmarkat dok A;
2. Tinnomina lin-Nutar Dottor Nicholas Briffa sabiex taht l-ministeru tieghu jigi ppubblikat l-att tat-trasferiment relattiv tal-fond 'de quo' hawn fuq imsemmi;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att tat-trasferiment tal-fond hawn fuq imsemmi;
4. Tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju 2007, li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b’hekk baqa kontumaci;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici u ghal fini tat-tielet talba attrici tipprefiggi t-terminu ta’ xahrejn zmien mil-lum sabiex il-konvenut jersaq ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att tat-trasferiment tal-fond imsemmi. Ghal fini tar-raba talba attrici tinnomina lil Avukat Dottor Richard Sladden u lil PL Hilda Ellul Mercer sabiex jipprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------